**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 60/2017 CFF**

**Electrical Supplies and Services Limited**

**Vs**

**MT Investments Limited**

**Illum 20 ta' Frar, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' Electrical Supplies and Services Limited fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata li thallas is-somma ta' €11,016.69 (hdax-il elf u sittax-il Ewro u disa' u sittin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija u oggetti ohra mibjugha u konsenjati lill-kumpannija intimata fuq ordni u ghall-beneficcju tal-kumpannija intimata;

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-kumpannija intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat li s-socjeta' konvenuta giet notifikata fl-20 t'Ottubru, 2017 pero' la dehret u lanqas ipprezentat risposta fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2018.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-20 ta' Frar, 2018, is-socjeta' konvenuta msejha tlett darbiet regghet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' €11,016.69 (hdax-il elf u sittax-il Ewro u disa' u sittin centezmu) kontra s-socjeta' konvenuta bl-ispejjez u b-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**